DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 81/2009

tat-3 ta' Lulju 2009

li temenda l-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 101/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 ([1]).

(2) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 73/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 ([2]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar statistika dwar l-enerġija ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jkun inkluż wara l-punt 27 (Regolament (KE) Nru 1775/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV għall-Ftehim:

"28. **32008 R 1099**: Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar statistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1). (*)

(*) Elenkat hawn għall-għanijiet tat-tagħrif biss: għall-applikazzjoni ara Anness XXI dwar statistika."

Artikolu 2

Il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara punt 26 (Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE) tal-Anness XXI tal-Ftehim:

"26a. **32008 R 1099**: Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar statistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Il-Liechtenstein hija eżentata milli tiġbor id-data meħtieġa minn dan ir-Regolament, ħlief għal data dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti tal-enerġija varji u l-produzzjoni tal-elettriku għall-Istatistiċi Annwali dwar l-Enerġija (Anness B)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 fil-lingwi Iżlandiża u Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 24.
([2]) ĠU L 232, 3.9.2009, p. 30.
([3]) ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.